# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tas-27 ta' Frar, 2017

Appell Nru: 19/2015

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Carmel Debono**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Carmel Debono detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 51150M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Novembru, 2011 u fix-xhur ta' qabel go Pinto Band Club, 77, Triq San Bastjan, Qormi, kiser il-garanzija maghmula fid-9 ta' Awwissu, 2011 , (U/WR/19/11) liema garanzija kienet maghmula skond is-subartikolu (1) tal-artikolu 39 tal-Att XIV tal-2002;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-16 ta' Jannar, 2015, li biha sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghal-hlas ta' multa ta' erba' mija u sebghin Ewro (€470);

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmel Debono, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-26 ta' Jannar, 2015, li permezz tieghu talab lill-din il-

Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-kwistjoni odjerna tikkoncerna n-nuqqas tal-appellant li jottempera ruhu ma' *undertaking* miftiehem bejnu u s-Servizz tal-Ispettorat tas-Sahha sabiex jirretifika certu nuqqasijiet dwar l-igene gewwa stabbiliment. L-appellant kien il-President tal-Pinto Band Club meta waqt spezzjoni mill-Awtoritajiet tas-Sahha kienu nnutati xi nuqqasijiet tant illi l-appellant kien intalab jirretifika l-istess sal-10 ta' Ottubru, 2011. Nuqqasijiet li kienu aktar jolqtu l-igene dwar l-ikel kienu indirizzati lejn il-Barman tal-Club li mieghu intlahaq *undertaking* separat. Il-Club naqas milli jottempera ruhu bil-konsegwenza illi l-appellant tressaq quddiem il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjoni odjerni. Ghal kompletezza tal-fatti, u kif jemergi mill-atti processwali, l-appellant kien irrezenja mill-kariga tieghu minhabba titubanza tal-kumitat li jonora dan l-*undertaking* li izda sa ma tressaq quddiem il-Qorti u wara r-rizenja tieghu, l-infrazzjonijiet kienu debitament regolati;

2. Issa, minkejja l-aggravji mressqa mill-appellant, din il-Qorti *ex officio* ssollevat il-possibbli nullita' tas-sentenza appellata peress illi ma takkludix id-disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom instabet htija. L-Avukat Generali kif ukoll id-difiza qablu ma' dak osservat mill-Qorti u minkejja dan, tajjeb li jkun ribadit wisq drabi ritenut mill-Qrati taghna illi nuqqas tal-Qorti li tindika dawk l-artikoli tal-ligi li dwarhom tkun instabet htija jammonta ghall-nuqqas ta' formalita' sostanzjali li ggib maghha n-nullita'. Tajjeb ghalhekk ukoll li jkun riprodott l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali , Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

**382. Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u <u>ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat</u>**. (Sottolinear tal-Qorti).

3. Diskussjoni ulterjuri tkun inutili la darba il-gurisprudenza kopjuza in rigward hija univoci u din il-Qorti ma ghandha ebda ghazla hlief li tiddikjara s-sentenza appellata nulla u in linea issa mal-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, ser tghaddi biex tiddeciedi l-kaz fuq il-mertu;

4. B'zieda mas-sunt tal-fatti maghmula *supra*, mill-atti processwali jemergi illi skond Silvio Grixti, Ufficcjal Sanitarju, wara *undertaking* iffirmat mill-appellant ghal-nuqqasijiet dwar kostruzzjoni u iehor mill-barman tal-Club dwar nuqqasijiet sanitarji koncernanti l-preparazzjoni tal-ikel, sabiex ikunu retifikati dawn in-nuqqasijiet, l-appellant ma kienx ottempera ruhu sad-data miftiehma. Clive Muscat, Principal fl-Awtorita' Sanitarja ikkonferma dan bix-xhieda tieghu. Tajjeb li jkun rimarkat illi fl-udjenza tal-24 t'Ottubru, 2014 quddiem l-ewwel Qorti, Silvio Grixti ddikjara li fl-ispezzjoni li saret fl-14 ta' Frar 2013, ix-xogholijiet rimedjali kienu saru a sodisfazzjon tieghu. Issa, ghalkemm dan ma jbiddel xejn mill-kwisjtoni hawn skrutinata, l-appellant xehed illi wara li kien iffirmat l-*undertaking*, il-Kumitat tal-Club kien awtorizza lill-Barman sabiex jaghmel dawk ix-xogholijiet kollha necessarji izda inqala xi disgwid bejnithom. Apparti dan, il-kumitat kien deher mhux interessat li jsiru dawn ix-xogholijiet u spicca biex irrizenja mill-kariga ta' President. Din ir-rizenja, izda, minkejja li kienet mahsuba ferma qabel sehhet wara li skada t-terminu li fih kellhom isiru dawn ix-xogholijiet, u dan kif jixhed id-dokument CD1 ezebit a fol 23 li huwa ittra ta' rizenzja bid-data tat-30 ta' Novembru, 2011 li fil-parti konklussiva taghha tghid li tali rizenzja hija b'effett mill-1 ta' Dicembru 2011;

5. Raymond Zammit, membru tal-kumitat tas-Socjeta' Pinto Band Club, ikkonferma li l-appellant jinsisti hafna li jsiru dawn ix-

xogholijiet rimedjali u li l-kwisjtoni tkun fuq l-agenda ta' kull laqgha tal-kumitat u kien gia wera li ma xtaqx jibqa' fid-direzzjoni tal-Club minhabba n-nuqqas ta' inizjattiva sabiex ikunu indirizzati l-lanjanzi tal-awtoritajiet sanitarji. Xehed ukoll illi wara kollox ma seta jsir xejn jekk mhux bl-approvazzjoni tal-kumitat liema decizzjoni imbaghad hija ezegwibbli mis-Segretarju;

6. Ezaminati dawn il-fatti, hu bla dubju ta' xejn ta' mportanza massima skrutinju ta' dan l-*undertaking.* Dan jinsab "imqieghed" a fol 9 tal-atti processwali komilati mill-ewwel Qorti, izda ma hemm l-ebda hjiel kif tqieghed hemm. Din il-Qorti qed tkun kawta hafna kif tiddeskrivi dan id-dokument ghaliex mkien mill-atti ma jemergi kif sab ruhu hemm. Din il-Qorti ezaminat il-verbal ta' kull udjenza u l-uniku persuna li ezebiet dokument kien l-appellant meta pprezenta d-dokument CD1 a fol 23. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni mkien ma jghidu li qed jipprezentaw xi dokument jew jaghmlu referenza fizika ghalih. Dan l-*undertaking* huwa infilsat bejn s-seduta tas-17 ta' Jannar 2014 fejn ma kien sar xejn u dik tas-16 ta' Mejju 2014 fejn ukoll ma kien sar xejn. L-bqija tal-verbali bl-ebda mod ma jindikaw l-prezentata ta' xi dokument ghajr dak appena msemmi. Din il-Qorti mhix disposta li tiehu konjizzjoni ta' dokumenti "infilsati" fl-atti processwali minghajr ma jkun hemm id-debita tracca tal-mod kif sab ruhu hemm. Dan id-dokument huwa l-pern tal-kwistjoni kollha u, b'mod partikolari f'azzjoni kriminali, din il-Qorti m'ghandhiex tghalaq ghajn wahda ghal-tali nuqqas. Filwaqt illi l-formalizmu zejjed huwa indesiderat u xi kulltant ukoll odjuz, izda s-sommarjeta' fil-proceduri certament m' ghandhiex tiftiehem li kollox ghandu jghaddi b'mod informali quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Ghalhekk din il-Qorti tqis illi d-dokument a fol 9, li lanqas biss huwa ittimbrat u ffirmat mid-Deputat Registratur, ma ghandux jittiehed in konsiderazzjoni;

7. Illi ghalhekk, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ma ressqitx dawk il-provi li jimmeritaw sejbien ta' htija fl-appellant u ghal dawn il-motivi, ma ssibx lill-appellant hati u tilliberah.